MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2010

Rikors Numru. 23/2008

Joseph John **GATT**

vs

**IR-REĠISTRATUR TAL-QRATI**, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern u l-Avukat Ġenerali, għal kull interess li jista' jkollu

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-25 ta' April, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li l-Qorti (a) ssib li l-mod kif tmexxew il-proċeduri li bihom kien akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kien ħa żmien eżaġerat u mhux ġustifikat fil-liġi; (b) issib li minħabba f'hekk huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif imħarsin taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u l-artikolu 6

tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); u (ċ) tagħtih ir-rimedji li jidhrilha xierqa, fosthom li tagħti kumpens xieraq minħabba l-imsemmi dewmien;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2008, li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-5 ta' Ġunju, 2008, u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Avukat Ġenerali u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern fis-16 ta' Mejju, 2008, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li f'dak l-istadju ma kinux f'qagħda li jintavolaw tweġiba dettaljata imma, f'kull każ, kienu qegħdin jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrent billi ma seħħ l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu;

Rat it-Tweġiba Ulterjuri mressqa mill-imsemmija intimati fil-5 ta' Ġunju, 2008, li biha fissru l-kontestazzjoni tagħhom għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qalu li l-intimat Segretarju Permanenti m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tar-rikorrent minħabba li l-ilment jikkonċerna l-mod kif tmexxew il-proċedimenti f'Qorti u l-istess intimat m'huwiex ġudikant u lanqas iwieġeb għall-imġiba tal-ġudikanti. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li r-rikorrent tassew ġarrab xi ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan meta wieħed iqis il-proċedura kollha li għadda minnha r-rikorrent u kif ukoll imġiebtu waqt l-istess proċeduri;

Rat ukoll l-"eċċezzjoni" tal-imsemmija intimati fis-sens li l-atti tal-proċediment quddiem il-Qrati kriminali kellhom jinġiebu quddiem din il-Qorti biex tista' tieħu konjizzjoni tagħhom. Dwar dan, u fuq talba tar-rikorrent magħmula waqt is-smigħ tal-5 ta' Ġunju, 2008[1], il-Qorti tat il-provvediment meħtieġ u r-rikorrent innifsu ressaq kopja awtentikata tagħhom waqt is-smigħ tat-18 ta' Novembru, 2008[2];

[1] Paġ. 10 tal-proċess
[2] Paġġ. 27 sa 114 tal-proċess

Rat li l-intimat Reġistratur tal-Qrati baqa' ma ressaq l-ebda Tweġiba minkejja li laqa' n-notifika tal-atti u tal-Avviż tas-Smigħ tal-kawża;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit u x-xhieda dokumentali;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2009[3], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta' noti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fis-26 ta' Marzu, 2009[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati Avukat Ġenerali u Segretarju Permanenti fl-14 ta' Mejju, 2009[5], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli b'riżultat ta' proċeduri kriminali li ntemmu bil-ħelsien tar-rikorrent wara bosta snin;

Illi għal din l-azzjoni, wħud mill-intimati (għaliex l-intimat Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali baqa' ma ressaq l-ebda kontestazzjoni) laqgħu billi ċaħdu li r-rikorrent tassew ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu u qalu li l-proċeduri ħadu ż-żmien xieraq tagħhom u wieħed ried jara

[3] Paġ. 147 tal-proċess
[4] Paġġ. 244 – 8 tal-proċess
[5] Paġġ. 250 – 3 tal-proċess

wkoll jekk kienx ir-rikorrent innifsu li kellu sehem fl-allegat dewmien li jilminta minnu;

Illi mill-atti tal-kawża joħorġu dawn il-fatti ewlenin rilevanti. B'taħrika maħruġa mill-Pulizija Eżekuttiva fil-21 ta' Frar, 2000[6], (fuq kwerela ta' martu) r-rikorrent kien mixli b'sensiela ta' reati ta' theddid ta' vjolenza fiżika kontra martu. Huwa kellu jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fis-17 ta' Marzu, 2000. Dak inhar tal-ewwel smigħ ir-rikorrent kien preżenti imma, billi ma deherx l-avukat tiegħu, il-kawża tħalliet għal data oħra. Fis-smigħ tat-22 ta' Marzu, xehdet mart ir-rikorrent u uffiċjal tal-Pulizija. Fis-6 ta' April, 2000, l-avukat tar-rikorrent bagħat jgħarraf li kien indispost u l-kawża tħalliet għal data oħra. Fis-smigħ tal-5 ta' Mejju, 2000, ir-rikorrent qajjem l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* u l-Qorti ħalliet il-kawża għal data oħra biex il-Prosekuzzjoni tirregola ruħha;

Illi l-kawża baqgħet tkun differita, għal raġuni jew oħra, mingħajr ma sar xejn sa Marzu tal-2001, meta xehdet mart ir-rikorrent. B'degriet tat-23 ta' April, 2001[7], il-Qorti tal-Maġistrati waqfet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ minħabba li l-piena li setgħet tingħata lir-rikorrent f'każ ta' sejbien ta' ħtija kienet taqbeż il-kompetenza tagħha;

Illi l-atti tal-kawża ntbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja presjeduta minn ġudikat ieħor. Bejn it-8 ta' Mejju, 2001 u l-25 ta' Ġunju, 2002, il-każ baqa' jitħalla minn data għal oħra bla ma sar xejn. Dak inhar, il-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni tal-att tal-akkuża u r-rikorrent laqa' n-notifika waqt is-smigħ. Fis-smigħ ta' wara, dak tas-26 ta' Lulju, 2002, ir-rikorrent (permezz tal-avukat tiegħu) eċepixxa l-preskrizzjoni[8], wara li ftit jiem qabel kienet saret dikjarazzjoni mill-Avukat Ġenerali għall-finijiet tal-artikolu 370(4)[9] tal-Kodiċi Kriminali li ma kienx isib oġġezzjoni li l-każ jinstema' b'mod sommarju minn dik il-Qorti. Bejn Lulju tal-2002 u Settembru tal-2003, il-kawża kienet titħalla minn data għal oħra bla ma sar xejn. F'Settembru tal-2003, reġgħet xehdet mart ir-rikorrent;

---

[6] Paġ. 28 tal-proċess
[7] Paġ. 42 tal-proċess
[8] Paġ. 50 tal-proċess
[9] Paġ. 57 tal-proċess

Illi l-kawża kienet titħalla biex tinstema' x-xhieda ta' bint ir-rikorrent li dak iż-żmien kienet imsiefra minn Malta. Waqt is-smigħ tat-12 ta' Mejju, 2004[10], l-avukat difensur tar-rikorrent opponiet li l-kawża terġa' titħalla għal data oħra sakemm tixhed bint ir-rikorrent, li kienet għadha barra minn Malta. B'degriet mogħti dak inhar, il-Qorti tal-Maġistrati ħalliet il-kawża għal data oħra biex tinstema' l-imsemmija xhud b'dan li jekk kemm-il darba tibqa' ma tagħtix ix-xhieda tagħha, tħalli l-kawża għall-provi tad-difiża. Waqt is-smigħ tal-10 ta' Novembru, 2004[11], għalkemm dehret bint ir-rikorrent u wara twissija mill-Qorti[12], l-istess xhud għażlet li ma tixhidx. F'dak is-smigħ ukoll, id-difiża u l-prosekuzzjoni qablu li wħud mill-akkużi kienu waqgħu bil-preskrizzjoni. Dak inhar, xehed ir-rikorrent, saret it-trattazzjoni u l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-24 ta' Novembru, 2004;

Illi mill-24 ta' Novembru, 2004 sal-11 ta' Jannar, 2007, il-kawża baqgħet titħalla għall-għoti tas-sentenza. Billi l-Maġistrat li kien jippresiedi l-Qorti irtira minħabba l-eta', fi Frar tal-2007[13] l-kawża ntbagħtet quddiem Qorti presjeduta minn Maġistrat ieħor. Fis-smigħ tad-19 ta' April, 2007, il-partijiet eżentaw lil dik il-Qorti milli terġa' tisma' l-provi u l-kawża tħalliet għas-sentenza għal Mejju tal-2007. Fis-smigħ tal-21 ta' Ġunju, 2007[14], il-Qorti tal-Maġistrati iddegretat li l-atti tal-kawża jintbagħtu għand l-Avukat Ġenerali minħabba xi irregolarita' proċedurali li twettqet matul iż-żmien li l-kawża kienet qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti diversament presjeduta. Fit-13 ta' Lulju, 2007[15], l-Avukat Ġenerali bagħat l-inkartament lura lill-Qorti tal-Maġistrati għall-finijiet tal-artikolu 432(2) tal-Kodiċi Kriminali b'talba sabiex dik il-Qorti tibda mill-ġdid il-kumpilazzjoni u tagħlaqha għall-finijiet tal-artikolu 401(1) tal-istess Kodiċi;

[10] Paġ. 66 tal-proċess
[11] Paġ. 69 tal-proċess
[12] Paġ. 72 tal-proċess
[13] Paġ. 93 tal-proċess
[14] Paġ. 98 tal-proċess
[15] Paġ. 99 tal-proċess

Illi fis-smigħ tat-18 ta' Lulju, 2007[16], il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja wettqet dak mitlub minnha mill-Avukat Ġenerali u wara li l-partijiet eżentawha milli terġa' tisma' l-provi li kienu nstemgħu qabel, għalqet il-kumpilazzjoni u reġgħet bagħtet l-inkartament għand l-Avukat Ġenerali, wara li sabet li kien hemm elementi biżżejjed biex ir-rikorrent jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża[17]. Fl-10 ta' Awissu, 2007, l-Avukat Ġenerali reġa' bagħat l-inkartament lill-Qorti biex jitlobha għall-finijiet tal-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali tisma' lill-Prosekuzzjoni u tara jekk kienx fadlilha provi xi tressaq. Fis-smigħ tal-21 ta' Awissu, 2007, il-Prosekuzzjoni tenniet li ma kienx kellha aktar provi xi tressaq u l-Qorti reġgħet bagħtet l-inkartament lill-Avukat Ġenerali[18]. Waqt is-smigħ tal-5 ta' Ottubru, 2007, wara li nqraw l-artikoli, ir-rikorrent iddikjara li ma kienx isib oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' u jinqata' sommarjament mill-Qorti tal-Maġistrati. Dak inhar il-kawża tħalliet għas-sentenza għall-31 ta' Ottubru, 2007. Il-Qorti tal-Maġistrati tat is-sentenza fil-31 ta' Ottubru, 2007[19], u għar-raġunijiet hemm imsemmija, r-rikorrent kien meħlus minn kull imputazzjoni. F'April tal-2008, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirigwarda l-<u>aspetti legali marbuta mal-każ</u> il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur ta' jedd fundamentali li minnu jilmenta jinbena fuq id-dewmien li ħa l-każ tiegħu quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali[20], jiġifieri minn Marzu tal-2000 meta tressaq mixli l-ewwel darba sa Ottubru tal-2007 meta ngħatat is-sentenza li ħelsitu minn kull xilja. Ir-rikorrent m'huwiex qiegħed isejjes l-ilment tiegħu fuq aspetti oħrajn tal-jedd dwar smigħ xieraq[21]. Huwa jilmenta minn ksur kemm tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il*

---

[16] Paġ. 100 tal-proċess
[17] Paġ. 102 tal-proċess
[18] Paġ. 105 tal-proċess
[19] Paġġ. 107 sa 113 tal-proċess
[20] Affidavit tiegħu Dok « JG », f'paġġ. 15 – 6 tal-proċess
[21] Xhieda tiegħu 26.2.2009, f'paġġ. 119 – 120 tal-proċess

*darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*". L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fil-parti rilevanti għal din il-kawża jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi*";

Illi f'dan ir-rigward l-awturi jisħqu li "*the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'.*"[22]

Illi ngħad ukoll b'awtorita' mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* u tan-*nemo judex in causam propriam*. Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża[23];

Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, m'huwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien[24]. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;

Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta'

---

[22] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164
[23] Kost. **10.6.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Leone Misraħi et vs Rosaria Cassar et*** (mhix pubblikata)
[24] Kost. **27.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.160**)

ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv[25];

Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija[26]. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "... *(that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [**Salesi vs Italy** (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [**Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994)]*"[27]. Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "*whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [**Horvat vs Croatia** (26/7/2001)]*"[28];

Illi meta mbagħad ġie mistħarreġ l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: "*reasonableness ... must be assessed in each case according to the particular circumstances. ... The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the*

---

[25] Kost. **23.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Manduca vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.1** f'paġ. 23)
[26] P.A. Kost. **29.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Attard noe vs Il-Prim Imħallef Dr. Carmelo Schembri et*** (mhix pubblikata)
[27] Ara QEDB **28.7.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. vs Italja*** (Applik. Nru. 35265/97) § 18
[28] Ara QEDB **19.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Culjak vs Kroazja*** (Applik. Nru. 58115/00) § 63

*applicant and the competent authorities...*"[29] magħdud ma' dawn ukoll "*..the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*"[30]. Ta' min jgħid li fil-qies tal-kriterju tar-raġonevolezza fil-mixi 'l quddiem ta' smigħ ta' kawża ta' indoli kriminali m'hemm l-ebda terminu assolut u m'hemm l-ebda fattur partikolari hawn fuq imsemmi li waħdu huwa determinanti. Iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b'effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali[31];

Illi dwar dewmien fis-smigħ ta' kawżi minħabba l-għadd kbir ta' kawżi li jkunu qegħdin jistennew is-smigħ, il-Qorti Ewropeja kellha dan xi tgħid: "*A temporary backlog of court business does not entail a Contracting State's international liability, if it takes appropriate remedial action with the requisite promptness [**Union Alimentaria Sanders vs Spain** (7/7/1989)]. However, according to the Court's established case-law, a chronic overload cannot justify an excessive length of proceedings*"[32]. F'dan il-kuntest jinsab mgħallem b'awtorita' wkoll li "*The Convention places a duty on the contracting parties, which applies regardless of cost, 'to organise their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6(1)'. It follows that a State may be held liable not only for any delay in the handling of a particular case in the operation of a generally expeditious system for the administration of justice, but also for a failure to increase resources in response to a backlog of cases and for structural deficiencies in its system of justice that causes delay*"[33];

Illi hu meqjus li l-ħtieġa ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-konvenzjoni "*is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, and end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-*

[29] Ara QEDB **6.5.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Buchholz vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 7759/77) § 49
[30] Ara QEDB **25.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gast & Popp vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 29357/95) § 70
[31] Kost. **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said vs L-Avukat Ġenerali***
[32] Ara QEDB **01.07.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Pammel & Probsteiner vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 17820/91) § 69
[33] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.*, paġ. 227

*law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand*"[34];

Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita' ta' difiza xierqa w effettiva tant li jingħad li "*the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence*"[35]; (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija;

Illi dwar kif titkejjel ir-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali, huwa meqjus li ġeneralment dan iż-żmien jibda jgħodd ("*dies a quo*") mill-waqt li l-persuna ssir taf x'inhi l-akkuża li qiegħda ssir kontra tagħha, għaliex hu minn tali waqt li jibda l-interess tagħha li l-akkuża tkun determinata u maqtugħa. Dan ifisser li mhux tabilfors li ż-żmien jibda minn x'ħin il-persuna tkun mixlija formalment, iżda jista' jibda minn x'ħin il-persuna tkun mgħarrfa li qiegħda taħt stħarriġ u li tkun qiegħda tinżamm taħt arrest preventiv minħabba dak l-istħarriġ sakemm issir l-għażla jekk titressaqx mixlija formalment quddiem Qorti[36]. Dak iż-żmien jibqa' jitkejjel sakemm ("*dies ad*

[34] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit, 2006), pg. 602 – 3
[35] Stephanos Stavros – *The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights* – paġ 77
[36] QEDB **25.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Dobbertin vs Franza*** (Applik. Nru. 13089/87) §§ 9 u 38

*quem*") iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta' sar appell[37];

Illi kif ingħad qabel, ir-raġonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża ma jitkejjilx biss bit-tul u lanqas fl-astratt, imma jrid jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Madankollu, jingħad li "*although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is no objective limit to the length of time that can be taken, in all cases which have taken over eight years or more, the Court has in fact always found a breach of Art. 6 (1)*"[38];

Illi l-Qorti issa sejra tqis jekk kemm-il darba fil-każ li għandha quddiemha **kienx hemm tassew ksur tar-regola taż-żmien raġonevoli** fid-dawl tal-kriterji li ssemmew aktar qabel. Jibda biex jingħad li l-proċess kollu kontra r-rikorrent beda f'Marzu tal-2000 u s-sentenza li temmet il-proċess kollu ngħatat f'Ottubru tal-2007. Il-fatt waħdu li s-sentenza ħelset lir-rikorrent minn kull xilja ma jġibx li l-proċess kien wieħed fieragħ jew li sar b'mod vessatorju. Minn dak iż-żmien, il-ġbir tal-provi dam sejjer sa Novembru tal-2004, għalkemm hawn ukoll kien hemm bosta differimenti li fihom, għal ħaġa jew għal oħra, ma kien sar xejn[39]. Minn dak inhar sa Ottubru tal-2007, il-każ kien imħolli għas-sentenza;

Illi jidher li biċċa sewwa miż-żmien li ttieħed minħabba kwestjonijiet ta' natura proċedurali. Kemm hu hekk, filwaqt li l-każ jidher li beda jinstema' b'mod sommarju, wara ftit taż-żmien il-Qorti rat li l-akkużi setgħu kienu jmorru lil hinn mill-kompetenza tagħha u l-każ inbidel f'att ta' kumpilazzjoni. Mingħajr spjegazzjoni plawsibbli, l-intimat ta l-kunsens tiegħu biex il-każ jistema' sommarjament mingħajr, madankollu, ma tħarsu l-proċeduri tal-għeluq tal-kumpilazzjoni. Sadattant, il-każ baqa' jitmexxa daqslikieku kien wieħed sommarju u

[37] QEDB **19.2.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Angelucci vs Italja*** (Applik. Nru. 12666/87) § 15
[38] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.,* paġ. 228
[39] Ara Dok "JJG-01", f'paġ. 20 tal-proċess

saħansitra saru t-trattazzjonijiet. Meta l-każ għadda f'idejn Maġistrat ieħor, wara li kien ilu madwar sentejn u nofs li tħalla għas-sentenza, intebħet li l-każ ma kienx formalment sommarju, imma ried ikun regolarizzat bil-ħarsien tal-proċedura maħsuba fl-artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali. Matul iż-żmien kollu li l-każ kien qed jistema', għadda minn idejn tliet ġudikanti differenti;

Illi ma ngħatat l-ebda raġuni tajba biex tfisser x'seta' żamm lill-Qorti tal-Maġistrati milli tagħti s-sentenza tagħha bejn l-2004 u Frar tal-2007, meta l-kawża għaddiet għand Maġistrat ieħor li qatgħet il-kawża ftit tax-xhur wara, meta l-proċediment kien imsoffi minn kull irregolarita' proċedurali;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti tifhem li r-rikorrent ma kellu l-ebda ħtija jew sehem u ma jistax jitgħabba b'dawn in-nuqqasijiet proċedurali għax ma ntweriex li kien hu li induċihom. Ifisser li dawn in-nuqqasijiet jaqgħu fil-parametri tal-imġiba tal-awtoritajiet kompetenti u li għaliha jridu jwieġbu huma;

Illi dwar l-aspett tal-komplessita' tal-każ, l-Qorti ssib li l-każ ma kienx wieħed kompless. Ix-xiljiet kienu ċari fil-qafas ta' inċidenti domestiċi marbuta mal-ġrajja matrimonjali bejn ir-rikorrent u martu li dak iż-żmien kienu għaddejjin minn proċess ta' firda personali aktarx akrimonjuża. Il-għadd ta' xhieda kien wieħed żgħir. Kien hemm l-aspett tas-sehem tal-parti ċivili fil-kawża, minħabba li l-proċess inbeda bis-saħħa ta' kwerela ta' mart ir-rikorrent. Iżda b'dan kollu, ma jidhirx li l-każ kien wieħed kompless jew li ikkomplika ruħu b'xi mod minħabba l-imsemmija *parte civile*;

Illi dwar l-imġiba tar-rikorrent innifsu tul il-medda taż-żmien li l-każ dam jitmexxa, l-intimat jgħid li r-rikorrent kien jaħti b'xi mod għal tali dewmien, u dan għaliex f'xi okkażjonijiet l-avukat tiegħu jew ma deherlux (jew talab differiment) jew inkella ma deherx l-istess rikorrent. Il-Qorti, wara li fliet sewwa l-provi mressqa u qieset il-kronoloġija tal-fatti, ma ssibx li r-rikorrent kien b'xi mod ikkontribwixxa biex twal iż-żmien li ħadet il-kawża tiegħu.

Fl-ewwel lok, huwa fisser li kienu jsiru bidliet fid-data tad-differimenti bla ma jkun mgħarraf bihom u kien għalhekk li hu kien jonqos li jidher jew, saħansitra, kien jitla' l-Qorti fid-data li jkun ġie avżat biha u jsib li l-kawża tkun tħalliet għal data oħra[40]. Fit-tieni lok, għalkemm l-avukat difensur qanqal żewġ eċċezzjonijiet (li, wara kollox, kien fid-dmir tiegħu li jqanqal jekk kemm-il darba setgħu kienu ta' fejda għall-aħjar difiża tal-patroċinat tiegħu), dawn qatt ma ġew trattati u lanqas iddirottaw il-proċess biex il-Qorti tistħarriġhom u taqtagħhom. Fit-tielet lok, għal darba darbtejn, kien ir-rikorrent innifsu li iddikjara li l-każ tiegħu seta' jinstema' b'mod sommarju u kien jopponi għad-differimenti mitluba mill-Prosekuzzjoni biex jistennew lil bintu tinżel lura Malta minn barra (fejn kienet damet tistudja għal madwar sena) biex tagħti x-xhieda tagħha. Filwaqt li s-sehem tal-parti akkużata fil-kejl tad-dewmien ta' proċeduri kriminali jista' jkun rilevanti biex wieħed iqis jekk kienx hemm kontributorjeta' min-naħa tagħha, il-liġi ma tistenniex li l-istess akkużat jikkollabora attivament fil-proċedura li tista' twassal għas-sejbien tal-ħtija tiegħu[41] u lanqas ma għandu jkun kastigat li nqeda bir-rimedji kollha li tagħtih il-liġi[42];

Illi dwar l-aspett ta' dak li kien jolqot lir-rikorrent fiż-żmien li l-każ kien qed jitmexxa, jista' jingħad li, fil-każ tiegħu, kien hemm iċ-ċirkostanzi partikolari tal-proċess tal-firda personali. Huwa jżid ukoll li, minħabba l-proċeduri kriminali, kien tilef aktar minn opportunita' waħda ta' xogħol (kemm f'Malta u kif ukoll barra minn Malta) għaliex kien hemm fuqu d-dell tal-każ kriminali. Il-Qorti tqis li, kif sewwa issottometta l-intimat, ir-rikorrent kien temm l-impieg tiegħu fiss minn ftit tax-xhur qabel ma ndeda l-proċess kriminali kontrih. Mill-atti proċesswali[43] hemm x'wieħed jaħseb li l-fatt li r-rikorrent kien mingħajr impieg kien marbut mal-kwestjoni matrimonjali tiegħu aktar milli minħabba ħaġ'oħra. Meta temm l-impieg kellu diġa' wieħed u ħamsin sena u kien minnu nnifsu x'aktarx diffiċli li jsib lil min jagħtih impieg ġdid. Meta ntemm il-każ, xorta waħda baqa' ma ħax impieg ma' ħaddieħor, imma beda

[40] Ara, per eżempju, Dok "JJG-02", f'paġ. 22 tal-proċess
[41] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.,* paġ. 607
[42] Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said et vs L-Avukat Ġenerali***
[43] Ara paġġ. 33 – 4 tal-proċess

jaħdem għal rasu. Ir-rikorrent wera li għandu bosta kwalifiki[44], u l-Qorti ma ssibhiex faċli biex temmen li r-rikorrent tassew ma sabx impieg minħabba l-proċess kriminali li kien għaddej fih;

Illi, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li, fil-każ konkret, kien hemm ksur tar-rekwiżit tas-smigħ xieraq f'għeluq żmien raġonevoli minħabba d-dewmien, u għalhekk l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrent sejrin jintlaqgħu;

Illi **dwar ir-rimedju mitlub** mir-rikorrent, il-Qorti tinnota li din il-kawża nfetħet wara li kienu ntemmu l-proċeduri kriminali. Bis-sentenza mogħtija, r-rikorrent kien inħeles minn kull akkuża. La l-Koostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jfissru x'imisshom ikunu l-effetti ta' proċedimenti kriminali meta jinstab ksur tal-element tas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Xi kittieba juru l-fehma li "*It would seem to ensue from this provision that, if the reasonable time has been exceeded and, consequently, the determination can no longer be made within a reasonable time, the proceedings would have to be stopped and the civil action and the criminal charge be declared inadmissible. However, in the Strasbourg case law a more flexible view has been adopted: 'an excessive length of criminal proceedings can in principle be compensated for by measures of the domestic authorities, including in particular a reduction of the sentence on account of the length of of procedure'. ... in criminal procedures the public interest in the prosecution and conviction of the criminal may be so great that the prosecution should not be stopped for the sole reason that the reasonable time has been transgressed: another, more proportionate compensation should be awarded to the victim of the transgression*"[45];

Illi, fil-każ tal-lum, ir-rikorrent mhux qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza mogħtija fir-rigward tiegħu, kif donnu qiegħed jaħseb l-intimat minn dak li semma fis-

[44] Ara paġġ. 185 sa 236 tal-proċess
[45] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* paġ. 611

sottomissjonijiet tal-għeluq tiegħu. Ir-rikorrent qiegħed jippretendi ħlas ta' kumpens xieraq;

Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultativ[46], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' sservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba r-*restitutio in integrum* tal-jeddijiet tagħha[47]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "*kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skond l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża*"[48];

Illi l-Qorti jidhrilha li fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, u wara li qieset kriterju mħaddmin mill-Qorti ta' Strasbourg u mill-Qrati tagħna[49], r-rikorrent għandu jingħata kumpens morali fis-somma ta' elf u ħames mitt euro (€ 1,500);

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-tielet talba billi tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma msemmija bħala kumpens morali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[46] K. Reid <u>A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights</u> (3rd Edit, 2007) § III-001, paġ. 603 – 4

[47] Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et***

[48] Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Limited vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

[49] Ara, per eżempju, P.A. (Kost) GV **27.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Cassar vs L-Avukat Ġenerali*** u Kost. **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said vs L-Avukat Ġenerali***

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrent u ssib li l-mod kif tmexxa s-smigħ tal-kawża tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ġab dewmien mhux mistħoqq fil-liġi;

**Tilqa' t-tieni talba** tar-rikorrent billi ssib li l-imsemmi dewmien jissarraf fi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq f'għeluq żmien raġonevoli skond l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

**Tilqa' t-tielet talba** tar-rikorrent billi tillikwida d-danni morali għall-ksur minnu mġarrab fis-somma ta' elf u ħames mitt euro (€ 1,500) u tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrent dik is-somma bħala kumpens għal tali ksur; u

**Tordna** lill-intimati jħallsu ukoll l-**ispejjeż tal-kawża**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------